



L-istat tal-ambjent tal-Ewropa mhuwex tajjeb: it-theddid għan-natura u l-impatti tat-tibdil fil-klima huma l-akbar sfidi

Sar progress sinifikanti fit-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u t-tniġġis tal-arja, iżda l-istat ġenerali tal-ambjent tal-Ewropa mhuwex tajjeb, speċjalment in-natura tiegħu li qed tkompli tiffaċċja d-degradazzjoni, l-isfruttament żejjed u t-telf tal-bijodiversità. L-impatti tal-aċċellerazzjoni tat-tibdil fil-klima huma wkoll sfida urġenti, skont ir-rapport l-aktar komprensiv dwar "L-istat tal-ambjent" tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA), ippubblikat illum. Il-prospettiva għall-biċċa l-kbira tax-xejriet ambjentali hija ta' tħassib u toħloq riskji maġġuri għall-prosperità ekonomika, is-sigurtà u l-kwalità tal-ħajja tal-Ewropa.

Ir-rapport jenfasizza li t-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali huma ta' theddida diretta għall-kompetittività tal-Ewropa, li tibbaża fuq ir-riżorsi naturali. Ir-rapport iżid li l-kisba tan-newtralità klimatika sal-2050 tiddependi wkoll minn ġestjoni aħjar u responsabbli tal-art, tal-ilma u ta' riżorsi oħra. Il-protezzjoni tar-riżorsi naturali, il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, u t-tnaqqis tat-tniġġis se jibnu r-reżiljenza ta' funzjonijiet vitali tas-soċjetà li jibbażaw fuq in-natura, bħas-sigurtà tal-ikel, l-ilma tax-xorb u d-difiżi kontra l-għargħar.

Ir-rapport iħeġġeġ it-tiżiħ tal-implimentazzjoni ta' politiki u azzjonijiet li jippermettu s-sostenibbiltà fuq terminu itwal, li huma diġà maqbula skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew. Azzjonijiet bħal dawn jimxu id f'id mal-prijoritajiet tal-Boxxla għall-Kompetittività tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-innovazzjoni, id-dekarbonizzazzjoni u s-sigurtà.



[Ir-rapport dwar l-ambjent tal-Ewropa għall-2025](#) huwa l-aktar analiżi komprensiva dwar l-istat u l-prospetti kurrenti għall-ambjent, il-klima u s-sostenibbiltà tal-kontinent, li jibni fuq *data* minn madwar 38 pajjiż. Ir-rapport jenfasizza li l-Unjoni Ewropea hija mexxejja dinjija fl-isforzi klimatiċi, billi naqqset l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-użu tal-fjuwils fossili tagħha filwaqt li rduppjat is-sehem tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli mill-2005. Sar ukoll progress tajjeb fit-titjib tal-kwalità tal-arja u fiż-żieda tar-riċiklaġġ tal-iskart u l-effiċjenza fir-riżorsi matul dawn l-aħħar 10 snin sa 15-il sena. Il-progress fuq firxa ta' fatturi li jippermettu l-bidla lejn is-sostenibbiltà, bħall-innovazzjoni, l-impjiegi ekoloġiċi u l-finanzi sostenibbli, joħloq ukoll lok għal tama.

Il-Viċi President Eżekuttiv għal Tranżizzjoni Nadifa, Ġusta u Kompetittiva, **Teresa Ribera**, qalet: "Dan ir-rapport huwa tfakkira ċara li l-Ewropa jeħtiġilha tibqa' fit-triq it-tajba u saħansitra taċċellera l-ambizzjonijiet klimatiċi u ambjentali tagħna. Avvenimenti ta' temp estrem riċenti juru kemm il-prospertà u s-sigurtà tagħna jsiru fraġli meta n-natura tiġi degradata, u l-impatti klimatiċi jintensifikaw. Id-dewmien jew il-posponiment tal-miri klimatiċi tagħna jżidu biss il-kostijiet, japprofondixxu l-inugwaljanzi, u jdgħajfu r-reżiljenza tagħna. Il-protezzjoni tan-natura mhijiex spiża. Hija investiment fil-kompetittività, ir-reżiljenza u l-benesseri taċ-ċittadini tagħna. Billi nżidu l-azzjoni issa, nistgħu nibnu Ewropa aktar nadifa, aktar ġusta u aktar reżiljenti għall-ġenerazzjonijiet futuri."

Il-Kummissarju għall-Ambjent u għar-Reżiljenza tal-Ilma u għal Ekonomija Ċirkolari Kompetittiva, **Jessika Roswall**, qalet: "Filwaqt li sar progress, l-istat tal-ambjent tagħna huwa sejħa għal azzjoni ċara biex inkomplu nnaqqsu t-tniġġis, nirrestawraw in-natura u niproteġu l-biodiversità. Jeħtieġ li naħsbu mill-ġdid dwar ir-rabta bejn l-ambjent u l-ekonomija u nħarsu lejn il-protezzjoni tan-natura bħala investiment, mhux bħala spiża. Natura b'saħħitha hija l-bażi għal soċjetà b'saħħitha, ekonomija kompetittiva u dinja reżiljenti, u huwa għalhekk li l-UE hija impenjata li tibqa' fit-triq it-tajba lejn l-impenji ambjentali tagħna."

Il-Kummissarju għall-Klima, l-Emissjonijiet Żero Netti u t-Tkabbir Nadif, **Wopke Hoekstra**, qal: "Dan ir-rapport isaħħaħ il-ħtieġa urġenti li l-UE żżomm l-ambizzjonijiet klimatiċi b'saħħithom tagħha. Bħala l-kontinent li qed jišhon l-aktar malajr, l-Ewropa rat direttament l-impatt devastanti tat-tibdil fil-klima – l-aktar reċenti permezz tan-nirien forestali severi li ħakmuha matul is-sajf. Il-kostijiet tan-nuqqas ta' azzjoni huma enormi, u t-tibdil fil-klima joħloq theddida diretta għall-kompetittività tagħna. Huwa essenzjali li nibqgħu fit-triq it-tajba biex nissalvagwardjaw l-ekonomija tagħna."

Id-Direttur Eżekuttiv tal-EEA, **Leena Ylä-Mononen**, qalet: "Ma nistgħux naffordjaw innaqqsu l-ambizzjonijiet tagħna dwar il-klima, l-ambjent u s-sostenibbiltà. Ir-rapport tagħna dwar l-istat tal-ambjent, maħluq flimkien ma' 38 pajjiż, jistabbilixxi b'mod ċar l-għarfien ibbażat fuq ix-xjenza u juri għaliex jeħtieġ li nagħxu. Fl-Unjoni Ewropea, għandna l-politiki, l-għodod u l-għarfien, u għexieren ta' snin ta' esperjenza ta' ħidma flimkien lejn l-għanijiet ta' sostenibbiltà tagħna. Dak li nagħmlu illum se jsawwar il-futur tagħna."



Sfidi kumplessi fil-ġejjieni

Il-bijodiversità qed tonqos fl-ekosistemi terrestri, tal-ilma ħelu u tal-baħar fl-Ewropa minħabba pressjonijiet persistenti xprunati minn xejriet ta' produzzjoni u ta' konsum mhux sostenibbli, li jidher b'mod partikolari fis-sistema tal-ikel. B'ħarsa 'l quddiem, id-deterjorament fl-istat tal-bijodiversità u l-ekosistemi tal-Ewropa huwa mistenni li jkompli, b'objettivi ta' politika miftiehma li x'aktarx ma jintlaħqux sal-2030, jgħid ir-rapport.

Bl-istess mod, ir-riżorsi tal-ilma tal-Ewropa jinsabu taħt pressjoni severa, sfidi ta' nuqqas tal-ilma li jaffettwa terz tal-popolazzjoni u tat-territorju tal-Ewropa. Ir-rapport jgħid li ż-żamma ta' ekosistemi akkwatiċi b'saħħithom, il-protezzjoni tal-baċiri tal-iskular u l-iżgurar tar-riforniment tar-riżorsi tal-ilma ta' taħt l-art huma kruċjali biex tiġi żgurata r-reżiljenza tal-ilma futura tal-Ewropa.

Dwar it-tibdil fil-klima, l-Ewropa hija l-kontinent li qed jišhon l-aktar malajr fuq il-pjaneta. Il-klima qed tinbidel b'rata allarmanti, u qed thedded is-sigurtà, is-saħħa pubblika, l-ekosistemi, l-infrastruttura u l-ekonomija. Il-frekwenza u l-impatt dejjem akbar tad-diżastri relatati mal-klima, kif ukoll l-għarfien li l-klima se tkompli tinbidel anke bl-isforzi ambizzjużi ta' mitigazzjoni tal-UE, jenfasizzaw il-ħtieġa urġenti li s-soċjetà u l-ekonomija Ewropea jiġu adattati, filwaqt li fl-istess ħin jiġi żgurat li ħadd ma jitħalla jibqa' lura.

Dawn l-isfidi ewlenin jappellaw għall-ħtieġa li jiġu kkunsidrati mill-ġdid ir-rabtiet bejn l-ekonomija tagħna u l-ambjent naturali, l-art, l-ilma u r-riżorsi naturali, jgħid ir-rapport. Huwa biss billi nirrestawraw l-ambjent naturali fl-Ewropa li jkun possibbli li nżommu ekonomija kompetittiva u kwalità ta' ħajja għolja għaċ-ċittadini Ewropej.

Espansjoni u żieda

Ir-rapport jgħid li l-bidla trasformattiva fis-sistemi tal-produzzjoni u tal-konsum, jiġifieri d-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija, il-bidla lejn iċ-ċirkolarità, it-tnaqqis tat-tniġġis u l-eżerċitar ta' ġestjoni responsabbli tar-riżorsi naturali, hija meħtieġa urġentament. Il-politiki tal-UE, inkluż il-Patt Ekoloġiku, jipprovdu perkors ċar lejn is-sostenibbiltà.

Ir-rapport jindika speċifikament l-isforzi biex jiġu restawrati l-ambjenti naturali permezz ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, li se jibnu r-reżiljenza u jgħinu wkoll fl-isforzi ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u ta' adattament għalih. Jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġu dekarbonizzati setturi ekonomiċi ewlenin, speċjalment it-trasport, u li jiġu indirizzati l-emissjonijiet mill-agrikoltura. Iż-żieda fiċ-ċirkolarità għandha l-potenzjal li tnaqqas id-dipendenza tal-Ewropa fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija u tal-materja prima kritika. Barra minn hekk, bl-investment fit-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika tal-industrija Ewropea, l-Ewropa tista' ttejjeb il-produttività u ssir mexxej globali fl-innovazzjoni ekoloġika, filwaqt li tiżviluppa teknoloġiji għad-dekarbonizzazzjoni ta' industrij li diffiċli jitnaqqsu bħall-azzar u s-siment.



Sfond

L-EEA tippubblika rapport dwar l-istat tal-ambjent kull 5 snin kif stipulat fir-regolament tagħha. L-ambjent tal-Ewropa 2025 huwa s-7 rapport ta' dan it-tip ippubblikat mill-EEA mill-1995. Dan joffri għarfien solidu u bbażat fuq ix-xjenza dwar kif għandna nwieġbu għall-isfidi enormi u kumplessi li qed inħabtu wiċċna magħhom, bħat-tibdil fil-klima, it-telfien tal-bijodiversità u t-tniġġis tal-arja u tal-ilma.

Ir-rapport tnejja f'kollaborazzjoni mill-qrib man-Network Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent (Eionet) tal-EEA. Ir-rapport jibni fuq l-għarfien espert vast tal-Eionet minn esperti u xjenzati ewlenin fil-qasam ambjentali, fit-32 pajjiż membru tal-EEA u sitt pajjiżi li jikkooperaw.